Il-qassis mistieden din is-sena kien il-Kanonku John Ciarlo li wassal dan il-messaġġ:

"Niftakar ħuti ftit ilu kont qiegħed naqra dwar wieħed kappillan Taljan li kellu paroċċa ċkejkna f'raħal ċkejken fl-Italja. U dan il-kappillan kien qed jagħmel ... lezzjoni u daħal tifel... li missieru la kien għammdu u lanqas ried jibgħatu duttrina... U l-kappillan qallu, "Għidli ftit, kemm hemm persuni f'Alla?" U qabeż dan it-tifel u qallu, "Sur Kappillan, ma nafx..." Il-Kappillan reġa staqsieh, "Taf min hu Ġesu int?" "Jien ma nafx Father, jien ma naf xejn, ma jħallinix niġi duttrina l-papa bħal tfal oħra." U għat-tielet darba reġa staqsieh u qallu, "Inti taf min hi l-Madonna?" Dak il-ħin it-tifel qallu, "iva naf min hi l-Madonna Father, iva naf min hi l-Madonna." Qallu, "Għalhekk ġejt għax jiena mama m'għandix, il-mummy tiegħi mejta, ġejt hawn biex ngħidilha 'l-Madonna biex tieħu ħsiebi mis-sema biex ta' l-inqas ikolli mama fis-sema jien." "Sewwa, sewwa," qallu l-Kappillan.

Dan it-tifel alavolja kien għadu ċkejken, alavolja ma tantx kien mar duttrina imma fehem waħda mill-aktar affarijiet sbieħ li aħna l-insara nemmnu fihom. U dan napprezzawh għax aħna l-insara mhux nemmnu biss f'Alla li ħalaq kollox... aħna nemmnu li hemm Alla li ħalaq kollox, li jafna, li jinteressa ruħu fina, li tant iħobbna, li batilna lil Ibnu fid-dinja. Aħna nsara mhux għax sempliċiment nemmnu f'Alla... imma nemmnu f'Alla li bagħat lil Ibnu il-waħdieni fid-dinja tagħna elfejn sena ilu. L-Iben t'Alla l-ħaj ġie fostna, tkellem magħna, fetaħ qalbu magħna, ħallielna s-sagramenti, ħallielna l-Knisja, ħallielna tant affarijiet sbieħ, il-vanġelu li għadna naqraw llum... Aħna l-insara, aħna l-Kattoliċi nemmnu li Kristu li hu verament l-Iben t'Alla, ġie fid-dinja... qalilna, "jiena t-triq, jiena s-sewwa, jiena l-ħajja, imxu warajja u moħħkom mistrieħ għax qegħdin fil-verita'." Mela aħna nemmnu mhux f'Alla biss, mhux fi Kristu biss, imma fil-Madonna wkoll... din il-mara speċjali, mara li ġabitu fid-dinja, tħobbu, trabbih u sservih matul il-ħajja kollha tiegħu sa' l-aħħar fuq is-salib. Il-Madonna kienet taf li kienet speċjali, qaltilha ċar u tond lil Eliżabetta... Il-Madonna ... hija mara speċjali għax kienet il-magħżula ta' Alla biex iġġibilna r-redentur tagħna, is-salvatur tagħna, lil Kristu magħmul bniedem għalina.



# PAJŻANI TAS-SEMA PAJJIŻNA

... Qegħdin nagħmlu l-festa ta' Lapsi llum... għax Kristu nieżel mis-sema u reġa tela s-sema... Imma Kristu mhux qiegħed waħdu fis-sema, miegħu għandu l-Madonna, għandu lil omm tiegħu, li tant ħabbitu, li tant sofriet miegħu, li tant għamlet miegħu, għażilha u għamilha mmakulata u mimlija bil-grazzja, il-Madonna, din il-mara speċjali għalina u qegħda fis-sema, is-sema pajjiżna... Inħarsu 'l fuq kemm għandna bżonn ħuti, nħarsu ftit il fuq għax xi kultant qed jiġrilna moħħna 'l-isfel biss... aħna ma nistgħux inħarsu 'l-isfel biss, aħna pajżani tas-sema pajjiżna. Smajna lil Ġuza tgħidha din il-kelma sabiħa, ħaditha mill-kliem ta' San Pawl, ma vvintathiex hi... aħna pajżani tas-sema pajjiżna. Kristu għalhekk mar qabilna; qalilhom lill-Appostli qabel ma ħallihom, "Sejjer qabilkom, titħawdux, tikkonfondux... jien sejjer qabilkom biex fejn sejjer jien tiġu intom ukoll." ...Kemm aħna boloħ aħna kultant, naħsbu għal hawnhekk biss, id-destinazzjoni tagħna mhix hawn... ngħixu kemm ngħixu... aħna mexjin lejn is-sema pajjiżna fejn hemm il-Madonna qegħda tistenniena...

Qegħdin ngħixu fi żmien ta' tant ħażen, ta' tant nuqqas ta' fidi, ta' tant bruda reliġjuża, ta' tant nies li jattakkaw il-veritajiet insara tagħna - id-dinja minn dejjem hekk kienet ta, mhix xi ħaġa ġdida, ma naqtgħux qalbna, imma mportanti li nibqgħu mexjin bil-għajnuna t'Alla, bil-għajnuna tal-Madonna... niġġieldu kontra l-ħażen ta' madwarna għax aħna l-aktar importanti li naslu fejn għandna naslu u ma nħallux l-affarijiet tad-dinja jfixklulna mill-mira li għandna quddiemna li naslu fis-sema pajjiżna... Jgħidulek kulħadd għal Ġenna, le mhux kulħadd għal Ġenna, mhux veru, mhux billi jgħidu l-infern spiċċa!...

U għalhekk aħna nitolbu lill-Madonna biex tqawwina, biex tagħmlilna kuraġġ, minkejja d-djufija tagħna, minkejja t-tentazzjonijiet tagħna, minkejja kollox, pero' żgur li jekk aħna nħobbu 'l-Madonna, hija tagħtina l-għajnuna, moħħna mistrieħ li bil-għajnuna tagħha żgur naslu fejn għandna naslu fl-aħħar... Min iħobb lill-Madonna f'ħajtu żgur li l-Madonna twasslu fejn għandha twasslu. Ara kemm ma għandniex naqtgħu qalbna ħuti! Għalhekk nitolbu lill-Madonna biex wara li tgħaddi din l-avventura li qegħdin ngħixu issa, minkejja d-difikultajiet, minkejja l-problemi, minkejja t-tentazzjonijiet, minkejja l-ħażen ta' madwarna ma naqtgħux qalbna aħna. Imma mportanti ... li aħna naturalment il-parti tagħna rridu nagħmluha – il-Madonna tgħinna ħafna imma aħna rridu nagħmlu dak li għandna nagħmlu. U għalhekk il-Madonna ... twissina l-ħin kollu biex nikkonvertu, biex ngħixu ħajjitna tajjeb, biex dak li hu ħażin nevitawh ... L-istatwa mhix qed hemm ghalxejn, tinqeda b'ċertu nies, anki nies umli bħalma kienet Ġuża Mifsud u oħrajn... dejjem l-istess storja nistgħu ngħidu, dejjem l-istess kantalina – ikkonvertu, agħmlu penitenza, itolbu, ibdlu ħajjitkom...



# X'GĦANDHA NAGĦMLU BIEX INSALVAW RUĦNA?

Allaħares nitilfu dan il-premju..... X'għandna nagħmlu biex insalvaw ruħna? X'għandna nagħmlu biex naslu fejn għandna naslu? Dak li qalet il-Madonna lill-qaddejja tat-tieġ ta' Kana. X'qaltilhom? "Agħmlu dak li jgħidilkom Ġesu, agħmlu dak li jgħidilkom Ġesu." Mela le, din hija t-triq tagħna aħna, mhux nagħmlu kif jgħidu n-nies u dak li naraw fuq it-television imma nagħmlu dak li jgħidilna Hu... Aħna lilu rridu nisimgħu, x'jgħidilna Hu... Aħna nagħmlu dak li jgħidilna Ġesu - qalilna Ġesu, "erfgħu salibkom kuljum u imxu warajja." Għalhekk meta jkollna t-trouble, meta jkollna l-mard, meta jkollna l-problemi, mhux niddispraw u nidgħu b'Alla Allaħares qatt... Aħna meta nkunu f'mumenti difficli, bħal l-Madonna wara kollox, sofriet ħafna l-Madonna, jgħidilna l-evanġelista wieqfa taħt is-salib ta' binha... mara ta' kuraġġ.... mara li taf issofri. Meta nkunu għaddejjin minn dawk il-mumenti nsofru, nsofru mal-Madonna u maqgħudin mal-Mulej u mhux niddispraw.

U ghalhekk il-Mulej jagħtina u jgħidilna biex nagħmlu dak li jgħidilna hu, kemm fil-ferħ tagħna u kemm fid-dwejjaq tagħna. Kultant disgrazzjatament għalhekk ħafna nies qed jitilfu l-fidi, qed jitilqu r-reliġjon. Kif jista' jkun imbagħad tibqa' temmen u tibqa' tipprattika r-reliġjon jekk ma titlobx, ma tfittix is-sagramenti?

Kemm għandna bżonn ħuti nitqanqlu aktar, nitolbu aktar, nitolbu u nħeġġu lil uliedna jitolbu għax jiddispjaċini ngħid niltaqa' ma' tfal, jidgħu jafu b'Alla imma jfaħħruħ le. Mhux qed ngħid għal kulħadd naturalment, imma l-ġenituri għandhom iħeġġu lil uliedhom biex jitolbu, biex imorru l-knisja. Il-kuntrarju kuntrarju, tfal fid-djar tagħhom li flok jitgħallmu jfaħħru lil Alla u jirringrazzjaw lil Alla jitgħallmu jidgħu b'Alla u bil-Madonna u bl-Ostja u bil-qaddisin disgrazzjatment. Kull fejn tmur f'pajjiżna tisma' lil min ifajjar u jsellem lill-qaddisin u l-Madonna speċjalment. Għandna bżonn nitolbu għal dawn ħutna Maltin li qegħdin iparlaw dawn l-affarijiet li jġibu s-saħta fuqhom, fuq pajjiżhom disgrazzjatment. Nitolbu għalihom biex il-Mulej jagħtihom id-dawl u jaraw l-iżbalji tagħhom u jikkonvertu u jibdew ħajja ġdida. Kristu ħuti dan li jgħidilna... biex nikkonvertu, biex nibdew ħajja ġdida, biex naħfru lil xulxin - nippruvaw kemm jista' jkun, mhux faċli hu, imma dak li jgħidilna Ġesu. Allaħares dak li hu diffiċli ma nagħmluhx.

...Aħna rridu nkunu lesti bħalma għamel Ġesu fuq is-salib meta qal lill-Missier, "aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." Il-Madonna taħt is-salib ma nafux x'qalet imma żgur li lil dawk in-nies kollha fferoċjati kontra binha Ġesu fuq is-salib, kulħadd jitgħaxxaq u jgħoxa għax jarah imsallab ma saħtithomx il-Madonna imma talbet għalihom żgur u xtaqithom jikkonvertu, ħafritilhom żgur il-Madonna.



# IL-MADONNA BAQGĦET MARBUTA MAL-VOLONTA' T'ALLA

Il-Madonna kellha mumenti diffiċli fil-ħajja tagħha, imma baqgħet soda, baqgħet marbuta mal-volonta' t'Alla, baqgħet tagħmel dak li jgħidilha hu. Il-Madonna mhux ta' b'xejn qalitha dik it-talba, "agħmlu dak li jgħidilkom hu," għax kienet hi l-ewwel li għamlet u kienet tagħmel dak li jgħidilna hu.

Jalla ħuti nagħmlu kuraġġ, ma naqtgħux qalbna, nitolbu lill-Mulej... biex nikkonsagraw lilna nfusna u nikkonsagraw lid-dinja tagħna. Kemm għandha bżonn il-konsagrazzjoni ta' Alla, il-barka t'Alla, biex il-bniedem jiftaħ għajnejh f'dawn iż-żminijiet diffiċli li qegħdin ngħixu fihom illum. Lil Alla qegħdin inwarrbuh u moħħna fl-affarijiet tad-dinja biss. All right irridu ngħixu aħna għax aħna ċittadini ta' l-art ukoll imma qabel kollox aħna ċittadini tas-sema, is-sema pajjiżna. Kemm nistgħu indumu hawn aħna? L-eternita' tagħna rridu ngħadduha mal-Mulej u mal-Madonna li qegħda tistenniena fis-sema... Għalhekk nersqu lejn is-sagramenti, nisimgħu il-kelma t'Alla, naqraw il-kelma tiegħu kif smajna, ħalli nissaħħu minn ġewwa u nsaħħu lill-oħrajn... mhux inħallu l-appostli tax-xitan madwarna jagħmlu xalata, jitkellmu fuq ir-reliġjon, jitkellmu fuq it-television u jiktbu fil-gazzetti u jxerrdu l-ħażen u aħna Alla jbierek, aħna gallarija, ingergru biss, infesfsu biss. Biex nirbħu l-ħażen anka aħna rridu nagħmlu l-parti tagħna.

Jalla l-Madonna mis-sema tagħtina l-għajnuna u l-kuraġġ ħalli l-parti tagħna nagħmluha mhux biss għalina biss, biex insalvaw aħna biss, imma biex magħna nsalvaw lil ħutna, dawk li nagħmluha magħhom u oħrajn li ma nafuhomx ħalli verament is-saltna t'Alla u s-saltna tal-Madonna proprju titwaqqaf fid-dinja tagħna tallum. Ikun imfaħħar Ġesu Kristu."

Matul din il-laqgħa nstemgħet ukoll il-vuċi ta' Ġuża f'silta minn messaġġ li kienet irrekordjat fuq cassette, saret ukoll il-viżita lill-Madonna, iċ-ċerimonja tal-qanpiena u ntqalu t-talbiet tal-Konsagrazzjoni, ta' San Ġużepp u ta' San Mikiel. Matul il-laqgħa kien hemm ukoll diversi kant marjan mmexxi mill-Prayer Group ta' Ħal-Lija. Il-laqgħa spiċċat bil-barka moghtija mill-Kanonku Ciarlo.

Sylvana Spiteri LL.D

## GRAZZJI MAQLUGĦA

F. Agius minn Birżebbuġia kitbet hekk: Jiena dejjem nitlob lill-Madonna u dejjem qalgħetli l-grazzji li kelli bżonn. Nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-grazzja oħra kbira li qalgħatli.

N.N. mill-Ħamrun kitbet: Tlabt lill-Madonna tal-Girgenti biex ommi tirċievi riżultat tajjeb fit-testijiet li għamlet, għax kont qed naqta qalbi li se joħorġu tajbin. Nirringrazzja lil Alla u lill-Madonna li rċeviet riżultati tajbin.

C. G. minn Birkirkara tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.

Maria Grech mill-Kanada tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Kitbet li talbet għat-tifla ta' bintha li ħasbu li kellha cancer tal-ġilda iżda hadu riżultat li t-tifla ma' kellha xejn. B'ringrazzjament qassmet santi tal-Madonna u ta' Ġuża fil-Kanada.

N. N. mis-Siġġiewi tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti.

Tereża Ellul mill-Furjana kitbet ittra fi Frar 2008 biex permezz tagħha taqsam l-esperjenza li kellha mal-qarrejja tal-fuljett. Hi tgħid li saret taf bil-fuljett madwar sena qabel meta rat xi kopji fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt. Minn dakinhar dejjem attenta biex tieħu kopja tal-fuljett li jkun imiss. Tkompli tikteb li hija devota ħafna tal-Madonna u issa qegħda titlob l-interċessjoni ta' Ġuża quddiem il-Verġni Mbierka. Għaddiet minn perjodu ta' nkwiet kbir u b'xejn ma setgħet issolvi l-problema li kellha, lanqas bl-intervent ta' avukat. Tant kienet mifnija b'dan l-inkwiet li qabżet il-kopja tal-fuljett ta' Lulju. Iżda darba meta kienet sejra titlob quddiem il-kurċifiss tinduna li xi ħadd kien ħalla kopja fuq mejda. Stgħaġbet ferm għax dan ġara lejn l-aħħar ta' Settembru.

Dakinhar stess filgħaxija tirċievi telefonata fejn saret taf li l-problema li kellha kienet ġiet solvuta. Ma setgħetx tieqaf milli tirringrazzja u tfaħħar lil Ommna Marija.

Catherine Spiteri minn Ħal Għaxaq kitbet hekk: Jiena minn dejjem devota kbira tal-Madonna, iżda minn ftit qabel ma saritli operazzjoni kbira ġie f'idejja il-fuljett "Leħen il-Girgenti" u mingħajr ma ħsibtha darbtejn interessajt ruħi fih u qrajtu kollu.

Għajnejja ssammru fuq grazzja li kellha waħda mara li bil-għajnuna tal-Madonna irnexxitilha operazzjoni kbira. Din il-mara xtaqet ħafna li l-operazzjoni tagħha tkun suċċess. Din ix-xewqa mill-ewwel bdiet tberren f'moħħi għax tant xtaqt li jiena wkoll nisma' l-kliem, "l-operazzjoni kienet suċċess!"

Minnufih bdejt nitlob lill-Madonna tal-Girgenti. Kelli fiduċja kbira fil-Madonna li ser taqlali l-grazzja, iżda bħal kull uman, tkun tixtieq tara biex temmen, u f'dan il-kas nisma' biex nemmen.

Jaqbadni l-bard meta ngħid illi l-ewwel kliem li smajt eżatt kif beda jitlaq il-loppju kienu l-kliem li dejjem tlabt lill-Madonna: "l-operazzjoni kienet suċċess!"

Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lil Alla u nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti u nitlobha biex iżżomm idejha fuqi u fuq il-familja tiegħi.

**TALBA**

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. Glorja lill-Missier...





## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 6 u 20 ta' Lulju 2008 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Awissu 2008 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 7 ta' Settembru fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 21 ta' Settembru fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Ottubru fil-5.00p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarju b'leħen Ġuża Mifsud. Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, keychains, DVDs u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu sopran-naturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 75 LULJU 2008 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Il-Kanonku John Ciarlo' waqt il-laqgħa ta' Mejju fil-Girgenti*

## GĦADDEW TNEJN U GĦOXRIN SENA

Fl-4 ta' Mejju 2008, fil-Girgenti, ġie mfakkar it-tnejn u għoxrin anniversarju minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna hemmhekk. Filfatt il-laqgħa bdiet b'pellegrinaġġ min tarf it-triq il-qadima, eżatt minn fejn tnejn u għoxrin sena qabel konna tlajna bl-istatwa tal-Madonna. Matul dan il-pellegrinaġġ, in-nies miġbura mxew wara l-Kurċifiss u l-bandalora tal-Madonna u b'devozzjoni rreċitaw ir-rużarju tat-tbatija li fost intenzjonijiet oħra ġie offrut għall-bżonnijiet tal-proxxmu kollu u għal paċi fid-dinja.